MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2005

Numru. 219/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**GILBERT BALDACCHINO bin Manuel u Agnes nee` Debono, imwieled fl-erbngha w ghoxrin t'Ottubru, 1976 u residenti Flat 3, Binja Ghannieq Flats Indipendenza, Triq il-Hamrija, Naxxar, detentur tal-karta ta' identita' numru 512776(M)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **GILBERT BALDACCHINO** bin Manuel u Agnes nee` Debono, imwieled fl-erbngha w ghoxrin t'Ottubru, 1976 u residenti Flat 3, Binja Ghannieq Flats

Indipendenza, Triq il-Hamrija, Naxxar, detentur tal-karta ta' identita' numru 512776M, gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-sitta t'April, 2005 ghal-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu go vettura bin-numru BBI 186 fis-Santwarju tal-ghasafar maghruf bhala l-Qawra/Dwejra Limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex, kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-Marka Luigi Franchi bin-numru T17382 u munizzjon.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita tordna l-konfiska tal-arma u tal-munizzjon esebit.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-arma tal-marka Luigi Franchi, t-tmienja w ghoxrin skartocc, l-okkorrenzi relattivi w il-pjanta ta' fejn sehh r-reat.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe lil PC 1424 Mario Sciberras, lil PC 379 Joseph Azzopardi u lil PC 1549 Joseph Bajada.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti w ghalhekk tiddikjara li qed issibu hati taghha.

Ghaldaqstant, **il-Qorti,** wara li rat r-Regolamenti 21(1)(c)Avviz Legali 146/93**, tiddikjara li ssib lil imputat GILBERT BALDACCHINO hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tiddecidi li tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' sebghin [70] lira maltin, filwaqt li tordna l-konfiska tal-arma tan-nar tal-Marka Luigi Franchi bin-numru T17382 u munizzjon esibiti fl-atti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------